MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
GRAZIO MERCIECA**

Seduta tat-8 ta' Ottubru, 2003

Talba Numru. 50/2002/1

**Joseph Vella (Ginger) Limited**

**vs**

**Joseph Buttigieg**

It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

"Illi s-socjeta' attrici tiggestixxi negozju ta' bejgh bl-ingrossa minn negozju li ghandha fi Triq il-Mithna, Victoria, Ghawdex.

Illi l-konvenut xtara minghandha kwantita ta' gwiez.

Illi ghadu dovut mill-konvenuti s-somma ta' sebgha mija u tlieta u hamsin lira Maltija u hamsin centezmu (Lm753.50).

Illi ghalkemm interpellat diversi drabi il-konvenut qed jirrifjuta li jhallsu dan il-bilanc.

Illi s-socjeta' attrici qed titlob li din il-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallas dan il-bilanc flimkien ma' l-imghax mid-data ta' l-ahhar konsenja sad-data tal-hlas effettiv u flimkien ukoll ma' l-ispejjes ta' dawn il-proceduri u ta' l-ittra ufficjali spedita f'Dicembru 2001 u tal-ittra interpellatorja datat 2 ta' Novembru 2001."

Ra r-risposta:

"Nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut
Jeccepixxi bir-rispett:

1. Illi t-talbiet attrici huma preskritti a tenur tal-Artikoli 2148(b) u 2156(f) tal-Kodici Civili (Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta)

2. Illi, minghajr ebda pregudizzju ghall-premess, il-konvenut m'ghandu jaghti xejn lis-socjeta' attrici

3. Salvi eccezzjonijiet ohra fid-dritt u fil-fatt."

Sema' l-provi;

Ra l-verbal tat-8 t'Ottubru 2003 li permezz tieghu il-partijiet talbu lit-Tribunal jiddeciedi l-kawza skond it-transazzjoni pattuwita bejniethom.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut biex ihallasha s-somma ta' LM753.50 bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tal-02.11.2001 u dik ufficcjali ta' Dicembru 2001 pagabbli f'rati ta' LM150 fix-xahar bl-ewwel pagament isir fi zmien hmistax-il jum mid-data ta' din is-sentenza bl-imghax a skaletta fuq il-bilanc dovut minn zmien ghal zmien dekorribbli mid-data ta' din is-sentenza. Jekk il-konvenut jonqos li jhallas xi pagament meta dan

ikun dovut il-bilanc kollu allura mhux imhallas isir dovut kollu minnufih.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------